



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 26/20
il-Lussemburgu, 5 ta' Marzu 2020

Sentenza fil-Kawża C-766/18 P
Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named
Halloumi vs EUIPO

Il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral li tgħid li t-trade mark kollettiva HALLOUMI, irriżervata għall-produzzjoni tal-ġobon Ċiprijott, ma tostakolax ir-reġistrazzjoni bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea tas-sinjal "BBQLOUMI" għall-ġobon ta' produttur Bulgaru

Il-kawża tintbagħha lura quddiem il-Qorti Ġeneral, li għandha teżamina jekk teżistix probabbiltà ta' konfużjoni għall-konsumaturi fir-rigward tal-oriġini tal-prodotti indikati mis-sinjal "BBQLOUMI"

Il-Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi hija l-proprietarja tat-trade mark kollettiva tal-Unjoni Ewropea HALLOUMI, irregjistrata għal-ġobon. **Trade mark kollettiva tal-Unjoni Ewropea hija tip ta' trade mark speċifika tal-Unjoni Ewropea, imsejħa kollettiva waqt il-preżentata tagħha u li hija kapaċi tiddiġi wi l-prodotti jew is-servizzi tal-membri tal-assoċjazzjoni li hija l-proprietarja tagħha minn dawk ta' impriżi oħra.**

Billi bbaża ruħu fuq din it-trade mark kollettiva, il-proprietarju tagħha ressaq oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea tas-sinjal figurattiv li jinkludi l-element verbali "BBQLOUMI", li saret applikazzjoni għaliha minn kumpannija Bulgara b'mod partikolari għal-ġobon. L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), inkarigat milli jeżamina l-applikazzjonijiet għal-reġistrazzjoni ta' trade marks tal-Unjoni Ewropea, ċaħad din l-oppożizzjoni minħabba li ma kinitx teżisti probabbiltà ta' konfużjoni fir-rigward tal-oriġini tal-prodotti bejn it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni BBQLOUMI u t-trade mark kollettiva preċedenti HALLOUMI. Il-proprietarju tat-trade mark kollettiva inkwistjoni għalhekk ikkōntesta din id-deċiżjoni tal-EUIPO quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, li, wara li kkonstatat li din it-trade mark kellha karattru distintiv dgħajnejf peress li t-terminu "halloumi" jindika tip ta' ġobon, ikkonkludiet ukoll li ma kienx hemm probabbiltà ta' konfużjoni¹.

Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Marzu 2020, Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi vs EUIPO (C-766/18 P), il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'appell kontra s-sentenza tal-Qorti Ġeneral, qabel kollox iddeċidiet dwar l-applikabbiltà għall-kawża li jikkonċernaw trade mark kollettiva preċedenti tal-ġurisprudenza li tistabbilixxi, għat-trade marks individwali tal-Unjoni Ewropea, il-kriterji li fid-dawl tagħhom għandha tiġi evalwata l-probabbiltà ta' konfużjoni fis-sens tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea².

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, **fil-każ fejn it-trade mark preċedenti hija trade mark kollettiva, li l-funzjoni essenzjali tagħha hija li tiddiġi wi l-prodotti jew is-servizzi tal-membri tal-assoċjazzjoni li hija l-proprietarja tagħha minn dawk ta' impriżi oħra**³, il-probabbiltà ta' konfużjoni għandha tintiehem bħala l-probabbiltà li l-pubbliku jista' jemmen li l-prodotti jew is-servizzi koperti mit-trade mark preċedenti u dawk koperti mit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni jorġiñaw kollha minn membri tal-assoċjazzjoni li hija l-proprietarja tat-trade mark preċedenti jew, jekk ikun il-każ, minn impriżi ekonomikament marbuta ma' dawn il-membri jew ma' din l-assoċjazzjoni. Għalkemm hemm lok li tittieħed

¹Sentenza tal-Qorti Ĝeneral tal-25 ta' Settembru 2018, Foundation for the Protection of the Traditional Cheese of Cyprus named Halloumi vs EUIPO – M. J. Dairies (BBQLOUMI), [T-328/17](#).

²Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2009, L 78, p. 1), kif emendat (issostitwi bir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1)).

³Konformement mal-Artikolu 66(1) tar-Regolament Nru 207/2009.

inkunsiderazzjoni l-funzjoni essenziali tat-trade marks kollettivi fil-każ ta' oppożizzjoni bbażata fuq tali trade mark, sabiex jingħaraf x'għandu jinftiehem b"probabbiltà ta' konfużjoni", xorta jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza li tistabbilixxi, għat-trade marks individwali tal-Unjoni Ewropea, il-kriterji li fid-dawl tagħhom għandu jiġi evalwat b'mod konkret jekk tali probabbiltà teżistix tista' tiġi trasposta għall-kawżi li jikkonċernaw trade mark kollettiva preċedenti. **Fil-fatt, l-ebda waħda mill-karatteristiċi tat-trade marks kollettivi tal-Unjoni Ewropea ma tiġġustifika li ssir deroga, fil-każ ta' oppożizzjoni bbażata fuq tali trade mark, mill-kriterji ta' evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni li jirriżultaw minn din il-ġurisprudenza.**

Sussegwentement, il-proprietarju tat-trade mark kollettiva inkwistjoni sostna li l-karatru distintiv tat-trade mark preċedenti għandu jiġi evalwat b'mod differenti meta din it-trade mark tkun trade mark kollettiva tal-Unjoni Ewropea.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dan l-argument billi rrilevat li r-rekwiżit ta' karatru distintiv⁴ jaapplika wkoll għat-trade marks kollettivi tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, l-Artikoli 67 sa 74 tar-Regolament dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea, dwar it-trade marks kollettivi tal-Unjoni Ewropea, ma jipprevedu l-ebda dispożizzjoni kuntrarja. Konsegwentement, dawn tal-aħħar għandhom fi kwalunkwe każ, kemm jekk intrinsikament jew permezz tal-użu, ikollhom karatru distintiv.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Artikolu 66(2) ta' dan ir-regolament ma jikkostitwixx eċċeżżjoni għal dan ir-rekwiżit ta' karatru distintiv. Għalkemm din id-dispożizzjoni tawtorizza, b'deroga mill-Artikolu 7(1)(c) tal-imsemmi regolament⁵, ir-reġistrazzjoni bħala trade marks kollettivi tal-Unjoni Ewropea ta' sinjal li jistgħu jservu sabiex jindikaw l-oriġini ġeografika ta' prodotti jew ta' servizzi, madankollu hija ma tippermettix li s-sinjal hekk irregistratori jkunu nieqsa minn karatru distintiv. **Meta assoċċazzjoni titlob ir-reġistrazzjoni, bħala trade mark kollettiva tal-Unjoni Ewropea, ta' sinjal li jista' jindika oriġini ġeografika, hija għandha għalhekk tiżgura li dan is-sinjal ikollu elementi li jippermettu lill-konsumatur jiddistingwi l-prodotti jew is-servizzi tal-membri tagħha minn dawk ta' impriżi oħra.**

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-eżistenza ta' tali probabbiltà għandha tiġi evalwata b'mod globali, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni.

Issa, mis-sentenza appellata jidher li l-Qorti Ġeneral bbażat ruħha fuq il-premessa li, fil-każ ta' karatru distintiv dgħajnejf tat-trade mark preċedenti, l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni għandha tiġi eskużza mill-mument fejn jirriżulta li x-xebħ tat-trade marks kunfliġġenti ma jippermettix, waħdu, li tali probabbiltà tiġi stabbilita. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali premessa hija żbaljata, peress li l-fatt li l-karatru distintiv ta' trade mark preċedenti huwa dgħajnejf ma jeskludix l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni. Għalhekk, **kien neċċesarju li jiġi eżaminat jekk il-livell baxx tax-xebħ tat-trade marks kunfliġġenti huwiex paċut bil-livell ogħla ta' xebħ, jew saħansitra mill-identiċità, tal-prodotti koperti minn dawn it-trade marks.** Peress li l-evalwazzjoni magħmulha mill-Qorti Ġeneral ma tissodis fax ir-rekwiżit ta' evalwazzjoni globali li tieħu inkunsiderazzjoni l-interdipendenza tal-fatturi rilevanti, il-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' li ġi.

Konsegwentement, **il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġeneral u bagħtet lura l-kawża quddiemha sabiex twettaq eżami ġdid tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni.**

⁴Ir-rekwiżit ta' karatru distintiv huwa previst fl-Artikolu 7(1)(b) u fl-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009, li bis-saħħha tagħhom it-trade marks li ma humiex ta' karatru distintiv ma jistgħux jiġi rregistratori, sakemm it-trade mark ma tkunx kisbet karatru distintiv għall-prodotti jew għas-servizzi li għalihom tkun qiegħda tintalab ir-reġistrazzjoni wara l-użu li jkun sar minnha.

⁵L-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 jipprevedi li t-trade marks li jikkonsistu eskużza f'sinjal jew findikazzjonijiet li jistgħu jservu, fil-kummerċ, sabiex jindikaw ix-xorta, il-kwalitā, il-kwantitā, l-użu intenzjonat, il-valur, l-oriġini ġeografika jew il-ħin ta' produzzjoni tal-prodotti jew ta' meta ngħata s-servizz, jew karatteristiċi oħra tagħhom, ma jistgħux jiġi rregistratori.

TFAKKIRA: It-trade marks u d-disinni tal-Unjoni huma validi fit-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea. It-trade marks tal-Unjoni jeżistu flimkien mat-trade marks nazzjonali. Id-disinni Komunitarji jeżistu flimkien mad-disinni nazzjonali. L-applikazzjonijiet għal regiżtrazzjoni ta' trade marks u ta' disinni tal-Unjoni għandhom jiġu indirizzati lill-EUIPO. Rikors kontra d-deċiżjonijiet ta' dan I-uffiċċju jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali.

TFAKKIRA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jannulla atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, I-Istati Membri, I-istituzzjonijiet Ewropej u I-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata jkollha tirrimedja I-lakuna legali possibbli li tinħoloq minħabba l-annullament tal-att.

Dokument mhux uffiċċiali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355